MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 878/2013/1

**Malaysia Debt Ventures Berhad (Reg. No. 578113-A) socjeta` registrata l-Malaysia**

***kontra***

**Picsel International Limited (C40554)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta` Malaysia Debt Ventures Berhad presentat fil-11 ta` Settembru 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbet lill-Qorti sabiex :-

*1. Tinnomina amministratur provvizorju tas-socjeta` intimata lil Brian William Milne jew persuna ohra li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna, bil-poteri u*

*funzjonijiet kontemplati mill-Kap 386 fosthom dawk ipprovduti fl-artikoli 237 u 254 tal-Kap 386 ;*

*2. Taghti lill-amministratur provvizorju nominat minnha dawk il-funzjonijiet u poteri li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni ;*

*3. Taghti kull* provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha *xieraq u opportun.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta` Settembru 2013.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta` Settembru 2013.

Rat l-atti tal-procediment.

Illi l-hatra u s-setghat tal-Amministratur Provvizorju huma regolati bl-**Art.228 tal-Kap.386** tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz ta' dak l-artikolu, il-ligi taghti lill-Qorti d-diskrezzjoni li tahtar Amministratur Provvizorju f'kull zmien wara li jkun gie pprezenta r-rikors ghal stralc u qabel ma taghmel ordni ghal stralc. Hekk sar fil-kaz odjern. Il-persuna li l-Qorti ghandha diskrezzjoni li tahtar tista' tkun jew l-Ufficjal Ricevitur, inkella xi persuna ohra kompetenti. Jekk ikun hemm ordni ta' hatra, il-Qorti ghandha s-setgha li tispecifika l-funzjonijiet u s-setghat tal-Amministratur Provvizorju. Bhala regola l-Amministratur Provvizorju jibqa' jzomm l-inkariku saz-zmien li jsir l-ordni ghal stralc jew inkella fil-kaz li r-rikors ghal stralc ikun michud.

**Billi l-Qorti hija tal-fehma illi fil-kaz tal-lum tkun qeghda taghmel tajjeb jekk tghaddi ghall-hatra ta` Amministratur Provvizorju, qeghda tiddisponi mit-talbiet ta` Malaysia Debt Ventures Berhad kif gej –**

**Tahtar bhala Amministratur Provvizorju tas-socjeta` Picsel International Limited (C40554) skond l-Art 228 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono.**

**Ghall-fini ta' din il-hatra, din il-Qorti qeghda tordna lid-diretturi tas-socjeta` Picsel International Limited (C40554) sabiex b'effett mil-lum jaghtu lill-Amministratur Provvizorju mahtur illum access shih u liberu ghal kwalsiasi taghrif u dokumenti fil-pussess taghhom (kollox inkluz u xejn eskluz) li jkun mehtieg sabiex jaqdi skond il-ligi l-funzjonijiet specifici li qed jinghata skond dan id-digriet.**

**Il-Qorti qeghda taghti lill-Amministratur Provvizorju mahtur illum is-setghat kollha li jehtieg sabiex, sakemm ikun deciz finalment il-procediment ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija Picsel International Limited (C40554), jamministra, jiggestixxi u jzomm kontroll shih fuq l-istess kumpannija Picsel International Limited (C40554).**

**Tghid illi l-ispejjez tal-Amministratur Provvizorju ghandhom ikunu provvizorjament a kariku ta` Malaysia Debt Ventures Berhad, b`dan illi tirriserva li taghti provvediment finali dwar l-ispejjez ta` dan il-procediment, inkluzi l-ispejjez tal-Amministratur Provvizorju,**
**meta jkun deciz finalment il-procediment tax-xoljiment u stralc tal-kumpannija Picsel International Limited (C40554).**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------